**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Hamis 3 ta' Marzu 2022**

**Rikors nru: 72/2021 AGV:**

**C D**

**vs**

**H AB. A D**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 26 ta' Frar 2021, fejn esponiet bir-rispett;**

1. Illi r-rikorrenti zzewget il-konvenut fit-12 ta' Lulju 2000, u dan kif juri l-att taz-zwieg hawn anness, mmarkat Dok. A ;

2. Illi minn daz-zwieg twieldu Zewgt ulied li huma S D li twieldet fid- 29 ta' Novembru 2000, u A H D li twieled fit-18 ta 'Frar 2008, u dan kif juru c-certifikati tat-twelid annessi bhala Dok. B u C rispettivament;
3. Illi r-rikorrenti giet kostretta tiftah medjazzjoni stante li z-zwieg tal-partijiet, ma baqax aktar possibbli u dan ghal ragunijiet illi jahti unikament il-konvenut ;
4. Illi ghal medjazzjoni, il-konvenut ghalkemm kien jigi infurmat bis-seduti, ghal darba, darbtejn, dan ghal ragunijiet li jaf bihom hu biss, ddecied li ma jattendix u ghalhekk kellha tinfetah dil-kawza.
5. Illi ghalkemm saru diversi tentattivi sabiex il-partijiet jipprocedu b' sperazzjoni bonarja, il-konvenut wara diversi attakki u theddid fuq il-persuna tar-rikorrenti , anka fil-presenza tal-konsulent leagli taghhom ;
6. Illi permezz ta' digriet kif moghti minn din l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrenti giet infurmata illi l-medjazzjoni inghalqet u dan kif juri id-digriet hawn anness, u mmarkat Dok. D ;
7. Illi l-konvenut ghadu jabita gewwa l-propjeta' illi tappartjeni lir-rikorrenti u l-familjari taghha, minghajr ma jhallas is-servizzi tad-dawl u l-ilma , liema arretrati qed jigu hawn annesi u mmarat Dok. E , filwaqt li kontinwament qed jirrifjuta li jizgombra minn hemm gew, kif gie mitlub f' ittri bonarji.
8. Illi l-konvenut qed jirrifjuta li jivversa l-manteniment versu uliedu, fejn S ta' eta ta' ghoxrin sena ghadha tistudja u AH , ghadu minorenni ;
9. Illi l-konvenut, qed ukoll jirrifjuta illi jhallas spejjez tal-edukazzjoni tal-minuri u s-sahha ta' A H.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghal ragunijiet premessi peevja kull dikjarzzjoni necessarja u opprtuna, ghalfejn ma ghandhiex dil-Onorabbli Qorti ;

1. Tawtorizza is-seperazzjoni tal-partijiet, mimn fejn ghandu jigi infurmat id-direttur tar-Registru Pubbliku wara l-ghoti tas-sentenza.
2. Tafda l-kura u l-kustodja esklussivament tal-minuri f'idejn l-esponenti u tawtorizza li l-esponenti tiehu dawk id-decizjonijit kollha relatati mal-minuri, inkluz dawk relatati mas-sahha , mal-hrug tal-pasaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri minghajr il-kunsens tal-konvenut.
3. Tawtorizza li l-minuri jirrisjedi mal-attrici .
4. Takkorda mantenimen ta' Mitejn u Hamsin ewro ghal kull wild inkluz l-arretati mit-twelid tal- ulied, inkluz arretrati ma' spejjez inkorsi ghas-sahha, edukazzjoni u kwalunkwe attivitajiet extra-kurriklari ;
5. Tappunta avukat ghal minuri A H fir-rigward tal-access tal-missier;
6. Tordna li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta ;
7. Tordna l-qsim tal-propjeta' li nxtrat fiz-zwieg gol-Libja bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti;
8. Tordna li l-hlas ta' servizzi illi ghamel uzu minnhom il-konvenut waqt li kien qed jokkupa l-fond li jappartjeni lil familjari tar-rikorrenti, u li ma ghandux ebda titolu mil-istess;
9. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tottjeni kunjom xbubitha, wara is-seperazzjoni u cjoe' 'S F ';
10. Tawtorizza lil esponenti, sabiex jirregistra l-evenatwali sentenza moghtija mil-Onorabbli Qorti, fir-registru pubbliku ta' Malta.

Spejjez a karigu esklussivament tal-konvenut, ingunt minn issa in subizzjoni.

IL-Qorti rat li l-konvenut, ma pprzenta ebda risposta entro t-terminu moghti lilu u ghalhekk tiddikjarah kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-konvenut naqas milli jippresenta risposta guramentata ghar-rikors tal-attrici, u ghalhekk il-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-istess attrici, liema verzjoni qed tittiehed bhala ippruvata. L-attrici tghid li hi kellha madwar 17 jew 18-il sena meta ltaqghet mal-konvenut, li kellu madwar 25 sena. Il-partijiet izzewgu f'Lulju tal-2000, waqt li l-attrici kienet harget tqila bl-ewwel wild taghha. Miz-zwieg tal-partijiet twieldu zewgt itfal, wahda illum maggorenni u tifel li ghadu minorenni. Fl-affidavit taghha l-attrici tixhed dwar il-biza' u t-tbatija li ghexet fih fiz-zwieg. Il-problemi bdew mal-ewwel, peress illi l-konveut ma kienx jipprovdi ghall-familja, u l-attrici waqfet l-istudji taghha biex trabbi lit-tifla. Ommha kienet tghinha hafna, anke fi flus. Ghall-ewwel seba' snin iz-zwieg ma kienx hazin, izda mat-twelid tat-tifel fl-2008 iz-zwieg mar ghall-aghar. Il-konvenut kien ghamel hbieb ma' ragel ta' nazzjonalita' Libjana bl-isem ta' Nadim, li kien influwenza hazina hafna fuqu. Il-problemi ta' flus zdiedu. L-attrici kellha tibghat lit-tifla fi skola tal-gvern, u bdiet tinduna li kienu qed jonqsu diversi oggeti mid-dar, l-aktar fosthom id-deheb taghha u tat-tifla, u xi flus kontanti li kienu mfaddla minnha.

Tuli z-zmien, rat lill-konvenut jabbuza mid-droga. Hi bdiet tqatta' aktar hin ghand ommha u bdiet tiehu l-affarjiet taghha ftit ftit mid-dar matrimonjali ghal ghand ommha, sakemm spiccat hadet l-effetti personali taghha u tat-tfal. Din ikkawzat hsara psikologika l-aktar fuq il-minuri z-zghir, izda l-attrici tghid li ma setghetx tibqa' tghix fil-vjolenza u fil-biza'. Anke meta marret tghix ma' ommha, il-konvenut xorta kien jigi d-dar jitlobha l-flus, bl-iskuza li ried jara lit-tifel. L-attrici

taghti diversi esempji ohra ta' incidenti mal-konvenut, li mhux necessarju jigu ripetuti u riprodotti hawn. Hu baqa' jghix fid-dar matrimonjali, li hija proprjeta' ta' ommha, u ghalhekk il-konvenut m'ghandu ebda titolu fuqha u ebda jedd. Illum hadd mit-tfal ma zammu kuntatt mal-konvenut.

Id-dokumenti esebiti mill-attrici jikkorroboraw il-verzjoni moghtija minnha, u dawn ma gew kontradetti bl-ebda mod. Fil-mori tas-smigh tal-kawza, l-attrici kienet talbet li l-konvenut jigi allontanat mid-dar matrimonjali, izda r-rikors ma kienx gie notifikat lilu, u ghalhekk il-qorti ma setghetx tiddekretah. Minkejja dan, il-Qorti kienet harget ordni ta' protezzjoni favur l-attrici u t-tifel minuri, ghas-sikurezza taghhom, peress illi l-Qorti hasset il-htiega ta' dan.

Illi ghalhekk, fi ftit kliem, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet kollha sollevati mill-attrici hlief ghas-seba' talba, dik li tikkoncerna xi proprjeta' gewwa l-Libja, peress illi ma gew prodotti ebda provi f'dan ir-rigward. Il-Qorti ma gietx infurmata dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, izda tifhem li l-partijiet m'ghandhomx proprjeta' immobbli mizmuma bejniethom. Jekk ghandhom kontijiet bankarji jew vetturi intestati f'isimhom, dawn ghandhom jinzammu skond lil min dawn isejhu.

L-attrici qed titlob ukoll manteniment ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) ghal kull wild, kif ukoll arretrati ta' manteniment mit-twelid tal-minuri. It-talba ghall-manteniment tidher wahda gustifikata, ghalkemm ma gew prodotti ebda stimi ta' spejjez li l-attrici tinkorri fit-trobbija tat-tfal. Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sa ma l-ulied jaghlqu l-eta' ta' tlieta w ghoxrin sena, jekk huma jibqghu jistudjaw fuq bazi 'full time' u ma jkollhomx impieg fiss 'full time'. Kwantu ghat-talba ghall-arretrati, skond l-affidavit tal-attrici stess, l-affarjiet kienu bdew sejrin ghall-aghar meta t-tifel iz-zghir kellu madwar tlitt snin. Illum it-tifel ghandu madwar tlittax-il sena. L-attrici ma pprovdiet ebda prova tal-flus li nefqet fuq it-tfal. Ghalhekk il-Qorti sejra tikkalkola u tillikwida arretrati ta' manteniment

fis-somma ta' mitejn Ewro fix-xahar ghal ghaxar snin, li jammontaw ghal total ta' erbgha w ghoxrin elf Ewro (€24,000). Din is-somma tinkludi l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni li l-attrici setghet nefqet fuq l-istess tfal.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tawtorizza is-seperazzjoni tal-partijiet, mimn fejn ghandu jigi infurmat id-direttur tar-Registru Pubbliku wara l-ghoti tas-sentenza.
2. Tafda l-kura u l-kustodja esklussivament tal-minuri f'idejn l-esponenti u tawtorizza li l-esponenti tiehu dawk id-decizjonijit kollha relatati mal-minuri, inkluz dawk relatati mas-sahha, mal-hrug tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri minghajr il-kunsens tal-konvenut.
3. Tawtorizza li l-minuri jirrisjedi mal-attrici, u ghalhekk tordna l-allontanament tal-konvenut mid-dar matrimonjali sa mhux aktar tard mit-30 ta' Marzu, 2022.
4. Takkorda manteniment ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar ghal kull wild, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni ghall-ulied. Tipprovdi inoltre ghall-arretati mit-twelid tal-ulied, inkluz arretrati ta' spejjez inkorsi ghas-sahha, edukazzjoni u kwalunkwe attivitajiet extra-kurrikulari, hekk kif deskritt fis-sentenza, fl-ammont ta' erbgha w ghoxrin elf Ewro (€24,000);
5. Tastjeni milli tipprovdi dwar access tal-missier versu t-tifel minuri;
6. Tordna li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta, kif deskritt fis-sentenza;

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba, stante li din giet irtirata mill-attrici;
8. Tordna l-hlas tas-servizzi illi ghamel uzu minnhom il-konvenut waqt li kien qed jokkupa l-fond li jappartjeni lil familjari tar-rikorrenti, u li ma ghandux ebda titolu mil-istess;
9. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, wara is-separazzjoni u cjoe' 'S F ';
10. Tawtorizza lil esponenti, sabiex tirregistra l-eventwali sentenza moghtija mil-Onorabbli Qorti, fir-Registru Pubbliku ta' Malta.
11. Testendi l-effetti tal-Ordni ta' Protezzjoni mahruga fil- 15 ta' Ottubru 2021 ghall-perjodu massimu ta' tlett snin.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef**

**Anthony G Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**